MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2012

Numru 787/2010

Il-Pulizija
(Spettur A.M.Micallef)

vs

Raymond Grech

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 390262M, akkuzat talli fit-3 ta’ Settembru 2008 ghal habta tat-8:15 ta’ filghaxija waqt li kien qieghed isuq vettura numru GAC 943 ta’ l-ghamla Volvo, fi Triq ix-Xatt, Pieta’:

1. b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti kkaguna il-mewt ta’ Giovanna Battista Scicluna anzjana ta’ 88 sena mill-Pieta’;

2. saq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni GAC 943 ta’ l-ghamla Volvo b’manjiera traskurata;
3. saq l-imsemmija vettura b’manjiera perikoluza;

Il-Qorti mitluba li barra li tinfliggi l-piena marbuta mar-reati tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez a tenur ta’ l-artikolu 533 tal-Kap 9.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tieghu u l-artikoli tal-ligi minnu hemm citati baghat lill-imputat sabiex jigi ggudikat minn dina l-Qorti dwar il-htija jew nuqqas taghha;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Il-kawza tittratta incident stradali li fih sfat mejta anzjana ta’ 88 sena kagun u b’konsegwenza diretta tal-griehi li sofriet meta sfat milquta f’Triq ix-Xatt, Pieta’, minn vettura tal-ghamla Volvo numru ta’ registrazzjoni GAC 943, misjuqa mill-imputat. L-incident gara fit-3 ta’ Settembru 2008 ghal habta tat-8:30 ta’ filghaxija fil-waqt li t-temp kien car, il-visibilita’ kienet tajba u d-dawl tat-triq kienu kollha mixghulin u f’kundizzjoni tajba. L-incident li ta’ lok ghall-kawza gara sewwa sew fuq in-naha tat-triq li tiffronteggja l-bahar tal-Port ta’ Marasamxett. Jirrizulta bhala fatt mhux kontestat li l-anzjana kienet harget mid-dar fejn tabita gewwa Triq Zammit Clapp, maghha kellha l-kelba zghira taghha. Hija qasmet it-triq san-nofs taghha u kif ghamlet biex taqsam in-nofs l-iehor giet investita mill-vettura tal-imputat. It-triq in kwistjoni hija dritta f’dik il-parti taghha b’zewg karreggati f’kull direzzjoni separata u maqsuma b’strippa fin-nofs munita b’crash barrier hlief ghal parti minn fejn qasmet l-anzjana fejn kien hemm ‘bollards’ uniti b’katina li kienet imqaccta f’partijiet minnha.

Mal-incident in kwistjoni, sfotunatament fatali, nfethet inkjesta li ‘prima facie’ sabet li kellhom jittiehdu passi kriminali kontra l-imputat. Testwalment, mill-parti rilevanti l-proces verbal redatt mill-Magistrat Inkwirenti, “peress li t-triq fejn sar l-incident hija wahda ta’ vizibilita’ twila, jidher li prima facie is-sewwieq ma uzax id-diligenza mehtiega mill-ligi sabiex jara li din il-mara ta’ 88 sena xieha taqsam minn naha ghall-ohra u jevita dan l-incident minn qabel”. Ta’ minn isemmi hawnhekk li l-espert tekniku nominat fil-persuna ta’ Mario Buttigieg kien esprima l-opinjoni kontrastanti tieghu li fiha skaguna kompletament lill-imputat.

Intant, id-difiza solevat l-fattur tal-‘emergenza subitanea’, li fil-konfront taghha l-Qorti hi tal-fehma li fuqha jistrieh l-esitu dwar ir-responsabilita’, totali jew parzjali, tal-imputat ghall-incident in meritu.

Illi fuq din il-Qorti, wara li rat bir-reqqa l-provi, kemm dokumentarji u kemm testimonjali, hi tal-fehma li bl-agir inkonsult tal-anzjana verament u effettivament giet ikkrejata ‘emergenza subitanea’ tali li l-incident gie wiehed inevitabbli. Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni hekk kif irrizultalha li ma kien hemm ebda ksur da parti tal-imputat li kien kiser xi regolament tat-traffiku bhal per esempju li kien ghaddej b’velocita’ - anzi!, oltre li rrizulta bil-wisq car li ma kienx pogga jew qed lilu nnifsu f’sitwazzjoni ta’ ‘self incapacity’ u di piu’ kif graw l-affarjiet l-imputat kien ristrett (il-Qorti tghid assolutament prekluz) li jiehu xi azzjoni evasiva li, fil-fehma tal-Qorti, kienet impossibbli li titiehed fic-cirkostanzi. Mhux rijavvisabbli lanqas is-sewqan perikoluz u/jew traskurat.

Fuq daqshekk il-Qorti mhux qeghdha ssib l-imputat hati u kwindi tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------